**2 ta' April, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Onor. Dennis Sammut M.P.

**Att dwar il-Kummerċ Bankarju – Penalità – Priġunerija – Qorti tal-Kummerċ**

*It-termini "penali" u "penalità" imsemmija fl-artikolu 25 tal-Kap. 215 ifissru piena pekunjarja. Il-multa hi penalità iżda l-priġunerija ma hijiex. Il-priġunerija preskritta fl-artikolu 24 tal-*

*Kap. 215 ma tistax tiġi applikata mill-Qorti tal-Kummerċ, iżda taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati skond l-artikolu 370 tal-Kap. 89.*

Il-Qorti: -

Rat is-sentenza ta' l-10 ta' Ottubru, 1991 li biha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-imputat ħati tar-reat dedott, u ċjoè li f'dawn il-gżejjer matul dawn l-aħħar snin, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda bħala direttur ta' Bank naqas milli jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jiżgura t-tħaris mill-bank ta' xi waħda mid-disposizzjoniet ta' l-Att V ta' l-1970 illum kapitolu 215 tal-Liġijiet ta' Malta u ċjoè naqas li jieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżgura li l-*Bank of Valletta Limited*, Bank Kummerċjali ma jagħtix jew ma jippermettix li jibqgħu pendenti avanzi mhux assikurati jew faċilitajiet ta' kreditu mhux assikurati li fit-total jeċċedu s-somma ta' Lm1000 lil xi wieħed mid-diretturi ta' l-istess bank kif ukoll lil xi assoċjazzjoni ta' persuni li fiha wieħed mid-diretturi tal-bank kien interessat bħala soċju u membru u dan skond ma jingħad mill-artikolu 12(1)(ċ)(i)(ii) u 24(a) tal-Kapitolu 215 tal-liġijiet ta' Malta u artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, u wara li kkunsidrat illi mill-provi prodotti rriżulta li l-imputat aġixxa probabilment għal raġunijiet mediċi u li eventwalment l-istess imputat ġie konformi mal-liġi in rigward iż-żewġ kontijiet fuq ismu u li in rigward il-kont ta' l-assoċjazzjoni indikata dan ġie fi żbilanċ probabbilment minħabba li ma waslux fondi minn barra minn Malta, u għalhekk ħasset li għandha tiġi inflitta biss piena pekunjarja u dan b'applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lill-imputat Lm250 multa;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat talab ir-revoka ta'

dik is-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kompilazzjoni relattiva, u wara li ġie ttrattat l-appell, ikkunsidrat illi:

*Omissis;*

Bl-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant iqajjem dubju dwar il-Kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati li tieħu konjizzjoni tal-kawża odjerna. Ir-reat dedott kontra l-appellant huwa kontemplat fl-artikolu 24 ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kapitolu 215 tal-Liġijiet. Dan jiddisponi li persuna li bħala direttur jew *manager* ta' bank tikkommetti dak ir-reat "teħel multa ta' mhux iżjed minn ħamest elef lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena, jew dik il-priġunerija u multa flimkien". L-artikolu 25 ta' l-istess Kapitolu 215 jiddisponi: "Il-penalitajiet kollha taħt dan l-Att għandhom *ad istanza* ta' l-Avukat Ġenerali b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, jiġu ffissati minn dik il-Qorti u jinġabru bħala dejn ċivili favur il-Gvern". **"Multa hi penalità"** jikkommenta l-appellant, biex jimplika li l-artikolu 25 hawn ċitat qiegħed jirriferixxi wkoll għall-multa preskritta fl-artikolu 24. B'hekk isegwi, skond l-appellant, li l-Qorti kompetenti li tiddeċidi fuq ir-reat dedott hija l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ, mhux il-Qorti tal-Maġistrati;

Fir-rigward tal-premess, jiġi rrilevat li l-artikolu 25 Kapitolu 215 iġib, fil-marġini tiegħu, it-titolu "Ġbir ta' penali". Issa t-termini "penali" u "penalità" kjarament ifissru piena pekunjarja. Qatt ma jistgħu jiftiehmu li jfissru priġunerija. Il-multa hi penalità, kif issottometta l-appellant fir-rikors tiegħu, iżda l-priġunerija m'hijiex. Il-priġunerija preskritta fl-artikolu 24 Kapitolu 215 ma tistax tiġi applikata mill-Qorti tal-Kummerċ.

Din l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti tiddeċidi r-reat *de quo*. Il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati li tiddeċidi l-istess reat hija "radikata f'dak li jingħad fl-artikolu 370 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta", kif ġie korrettament iddikjarat fis-sentenza appellata;

Għal kull *buon fini* jiġi nnotat li l-artikolu 25 Kapitolu 215 ovvjament jirriferixxi għall-penalitajiet preskritti fis-subartikoli 3(3), 5(5), 6(2), 11(3) 12(4), 13(5), 14(6), 18(7), 19(4), 21(2) u 22(3) ta' l-istess Kapitolu 215. Kull wieħed minn dawn is-subartikoli jikkontempla l-ksur tad-disposizzjoni fl-artikolu relattiv, u jippreskrivi l-penali ta' somma flus għal kull ġurnata sakemm tipperdura l-infrazzjoni. Huma dawn il-penalitajiet li bl-artikolu 25 Kapitolu 215 għandhom jiġu ffissati mill-qorti tal-Kummerċ;

*Omissis;*

Għall-motivi premessi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.